MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1215/2012

**Valletta Service Station Limited (C26858)**

**Vs**

**Carmelo (770449(M)) u Mary (718752(M)) konjugi Agius u binhom**
**Noel Agius (53689(M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta’ Raymond Sammut bil-karta tal-identita’ numru 275876(M) a nom u in rappresentanza tas-socjeta’Valletta Service Station Limited (C26858) tal-5 ta’ Dicembru 2012 li jaqra hekk:

*1. “Illi permezz tar-rikors fl-ismijiet ‘Valletta Service Station Limited (C26858) v. Carmelo Agius’, is-socjeta’ esponenti talbet lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) li tikkundanna lill-intimat Carmelo Agius sabiex ihallas lill-istess socjeta’ esponenti is-somma ta’ tlett elef seba’ mija u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin centezmi (€3756.37) rapprezentanti prezz ta’‘diesel’ mibjugh u konsenjat lill-istess intimat Carmelo Agius fuq struzzjonijiet tieghu stess u multi mhallsin mill-esponenti fir-rigward tax-xoghol mahdum minnu fuq ix-xarabank bin-numru ta’ registrazzjoni EBY575 bl-imghaxijiet bir-rata legali fuq is-somma kapitali sad-data tal-effettiv pagament bl-ispejjez.*

*2. Illi permezz tas-sentenza moghtija fit-tnejn (2) ta’ Lulju, 2012 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) iddecidiet ir-rikors surrferit billi laqghet it-talbiet tas-socjeta’ esponenti u kkundannat lill-intimat sabiex ihallas lill-istess socjeta’ esponenti is-somma ta’ tlett elf, seba’ mija u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin centezmi (€3756.37) bl-imghax legali mit-8 ta’ Lulju, 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll 1-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittri ufficjali msemmijin fl-istess rikors (vera kopja hawn annessa u mmarkata Dok.‘A’).*

*3. Illi kif jirrizulta car mill-istess sentenza, minkejja li 1-intimat f’dawk il-proceduri Carmelo Agius prezenta risposta huwa xorta wahda naqas milli jressaq provi a sostenn ta’ dak minnu eccepit.*

*4. Illi lanqas ma gie intavolat appell mis-sentenza surreferita b’tali mod li tali sentenza tikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-konfront tal-intimat Carmelo Agius.*

*5. Illi fl-istess zmien li 1-intimat Carmelo Agius kien jaf li kienet dovuta s-somma kapitali surreferita 1-istess intimat Carmelo Agius flimkien ma’ martu 1-intimata Mary Agius flimkien u in solidum bejniethom offrew b’donazzjoni lil binhom accettanti, l-intimat l-iehor Noel Agius, il-garage*

*bin-numru tnejn u tmenin (82), gja minghajr numru ufficjali, Louis Scicluna Street, Fgura permezz tal-kuntratt relattiv datat sitta (6) ta' Gunju, 2011.*

*6. Illi huwa wisq evidenti li tali donazzjoni irrevokabbli saret bi-iskop li tigi defrawdata s-socjeta' esponenti u bi pregudizzju serju ghad-drittijiet u l-interessi taghha ghall-pagament ta' dak lilha dovut mill-intimat Carmelo Agius.*

*7. Illi huwa wisq evidenti wkoll li tali donazzjoni irrevokabbli saret ukoll b'komplicita' mat-terzi kontraenti ossija 1-intimati l-ohrajn Mary Agius, mart l-istess Carmelo Agius u Noel Agius, iben l-istess Carmelo u Mary konjugi Agius.*

*8. Illi ghaldaqstant il-kuntratt ta' donazzjoni irrevokabbli huwa annullabbli ghaliex gie maghmul in frodi u in pregudizzju tad-drittijiet tas-socjeta' esponenti u sar b'komplicita' diretta bejn 1-intimati kollha sabiex jirrendu lill-konvenut Carmelo Agius insolventi jew aktar insolventi minn qabel;*

*9. Illi ghalhekk f'dan il-kaz jezistu 1-elementi kollha ghall-ezercizzju tal-azzjoni pawljana u cioe', 1-"eventus danni" u 1-"consilium fraudis", kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;*

*Jghidu ghalhekk 1-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din 1-Onorabbli Qorti tiddeciedi billi:*

*1. Tordna li jigi rexiss annullat u risolut il-kuntratt li sar fis-6 ta' Gunju, 2011 bejn il-konvenuti Carmelo u Mary konjugi Agius u 1-konvenut 1-iehor binhom Noel Agius fir-rigward tal-garage numm tnejn u tmenin (82) gja minghajr*

*numru ufficjali Louis Scicluna Street, Fgura, liema kuntratt sar in frodi u in pregudizzju tal-kreditu tieghu;*

*2. Konsegwentement l-intimat Carmel Agius jigi ikkundannat fi zmien qasir u perentorju jirritrocedi fl-assi tieghu l-imsemmi garage numru tnejn u tmenin (82) gja minghajr numru ufficjali Louis Scicluna Street, Fgura;*

*3. Fin-nuqqas ir-retrocessjoni issir "ope sententiae" permezz ta' Nutar li ghandu jigi nominat biex jippublika l-att relattiv u fil-konfront ta' kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li minn issa huma ngunti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat li ghalkemm l-intimati gew debitament notifikati, huma naqsu li jressqu nota t'eccezzjonijiet fi zmien moghti lilhom mill-ligi;

Rat illi l-intimati ma prezentaw ebda nota ta’sottomissjonijiet fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Gunju 2013, li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-13 ta’ Gunju 2013;

Rat illi insegwitu tas-seduta tat-23 ta’ Mejju 2013, l-atti processwali intilfu;

Rat in-nota tat-18 ta’ Lulju 2013, illi biha ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali informa l-Qorti illi l-process instab;

**Ikkonsidrat:**

Illi mir-rikors guramentat ta’ Raymond Sammut ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti jirrizulta illi l-intimat Carmelo Agius, gie kundannat ihallas is-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlett elf, seba’ mija u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin centezmi (€3,756.37), fit-2 ta’ Lulju 2012 – (vide sentenza rikors numru: 382/2011 fl-ismijet “Valletta Service Station Limited vs Carmelo Agius” deciza mill-Qorti tal-Magistrati, per Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna li tinstab ezebita a fol. 7 tal-process).

Ta’ min jinnota illi r-rikors 382/2011, gie prezentat fil-15 ta’ Novembru 2011

Jirrizulta mix-xhieda ta’ Alex Sammut a fol 26 et. seq. tal-process, illi l-intimat Carmelo Agius ma hallas xejn mis-somma fuq indikata.

Mir-ricerki ezebiti – (vide Dok. AS1 fol 27 sa 73 ), jirrizulta illi fis-6 ta’ Gunju 2011, Carmelo Agius, flimkien ma martu Mary Agius, permezz tal-kuntratt quddiem in-Nutar Dr. Joseph Debono, hejja donazzjoni irrevokabbli lill-ibnu Noel Agius tal-proprjeta’ cioe’ *garage* 82, Triq Louis Scicluna, Fgura – (vide fol 63).

Illi apparti d-dikjarazzjoni f’paragrafi sitta (6) sa disgha (9) tar-rikors guramentat, is-socjeta’ rikorrenti naqqset bl-iktar mod sgjaccanti li tipprova l-qerq da parti tal-intimati meta ghamlu d-donazzjoni tal-*garage* indikat lil binhom, liema qerq sar allegatament b’intenzjoni unika li jiddefrawdixxu lis-socjeta’ rikorrenti.

Infatti s-socjeta’ rikorrenti **lanqas ghamlet l-icken sforz jew tentattiv** biex b’xi mod tipperswadi l-Qorti b’xi raggieri, jew xi intricci tali illi tkun perswaza fuq bilanc ta’ probabilita’, li dan l-ingann sar propju biex jigi scapriccat dak kollu dovut lis-socjeta’ rikorrenti. Ghall-kuntrarju din il-Qorti tinnota li x-xhieda ta’ Alex Sammut kienet tikkoncerna biss il-fatt illi r-rikorrent Agius kien ghadu ma hallasx l-ammont dovut u cioe’ - tlett elf, seba’ mija u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin centezmi (€3,756.37), u dana mid-data tas-sentenza l’hawn.

Illi di piu’, il-Qorti innotat illi d-donazzjoni twettqet fis-6 ta’ Gunju 2011, u **cioe’ hames xhur <u>qabel</u> ma gie intavolat ir-rikors 382/2011**. Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti kemm-il darba d-donazzjoni kienet isegwi d-data tat-2 ta’ Lulju 2012.

**Il-kontumacja ma tekwivalix u ma tfissirx ammissjoni**. Ghal-kuntrarju l-kontumacja tfisser **oppozizzjoni** bil-konsegwenza li l-attur xorta wahda ghandu l-oneru li jipprova dak minnu allegat sal-grad rikjest mill-ligi. (vide sentenza fl-ismijiet **“F. Advertising Limited vs Tano Farrugia et”** deciza fit-**30 ta’ Novembru 2011**, App. Inf. per **Onor Imh. Dr. R. Pace**; ara wkoll senetenza fl-ismijiet **“Visual and Sound Communications Limited vs Mario Camilleri et”**, deciza fit-**28 ta’Frar 2002** u s-sentenza **“Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa”** deciza fit-**12 ta’ Lulju 2001** per **Onor Imh. Dr. R Pace**)

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taghraf illi s-socjeta’ rikorrenti ma rnexxilliex tipprova il-kaz taghha sal grad probatorju rikjest fil-kamp civili u cioe’ fuq bilanc ta’ probabilita’.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------